**7 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Caterina Gerada

*versus*

Avukat Dr. Antonio Caruana

**Ġudikat.**

*Meta fi proċediment quddiem il-Qorti jkunu nagħtaw diversi deċiżjonijiet, u tant fil-proċeduri kemm f'dawk id-deċiżjonijiet waħda mill-partijiet tkun qanqlet kwistjoni u nsistiet fuqha, dik il-kwistjoni, sakemm ma jkunx hemm pronunċjament definittiv tal-Qorti fuqha, tibqa' mhix deċiża, avvolja jkun sar aċċenn għaliha u tkun issemmiet f'dawk id-diversi deċiżjonijiet. Sakemm ma jkunx hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċiżjoni definittiva mogħtija fil-ġudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża, u ma jistgħax mill-parti l-oħra jingħad li għad-deċiżjoni tagħha josta l-ġudikat.*

*L-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bħal meta si tratta minn inċident proċesswali li jqum fil-kors tal-ġudizzju, fejn ma jistgħax ikun hemm dak li jissejjaħ ġudikat impliċitu. Biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat, hemm bżonn li l-kwistjoni tkun ġiet "effettivament" deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li "setgħet tiġi deċiża".*

*Huwa veru li l-motivazzjonijiet fis-sentenza jiswew biex jiddeterminaw il-vera portata tal-punt deċiż, b'mod li, għalkemm l-awtorità tal-ġudikat tkun dejjem u esklużivament fid-dispożittiv, is-sens eżatt u ġust tad-dispożittiv u l-estensjoni leġittima tiegħu jkunu determinati u spjegati fil-motivazzjonijiet, anzi xi drabi jiġri illi d-deċiżjoni ma tkunx interament fil-parti dispożittiva tas-sentenza, imma tkun anki fil-parti razzjonali tagħha, meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżoluta xi kwistjoni, b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja tad-dispożittiv; u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mad-dispożittiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat.*

*Dan kollu, però, mhux applikabbli meta fis-sentenza li minnha hu allegat li joħroġ il-ġudikat, la fil-motivazzjonijiet u lanqas fid-dispożittiv, u lanqas fit-tnejn kombinati flimkien, ma tkun ġiet verament "deċiża" l-identika kwistjoni li l-parti kuntrarja tallega li hija perenta bil-ġudikat, anzi meta dik il-kwistjoni, mhux talli ma tkunx ġiet verament deċiża, imma anzi tkun ġiet espressament riżervata.*

Il-Qorti; Rat is-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju 1946, fejn jinsabu miġbura t-talbiet tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġie dikjarat u deċiż illi l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha tar-retratt imħabba t-titolu tal-viċinanza, salva, in riferenza għat-tieni talba, l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut illi huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jasserixxi huwa li għandu dan it-titolu; bl-ispejjeż, in riferenza għal din il-kwistjoni deċiża, sew tal-ewwel kemm ukoll tat-tieni istanza, mingħajr taxxa, minħabba l-kwistjonijiet sollevati, imma d-dritt tar-Reġistru kontra l-konvenut ap-

pellat, u bl-ispejjeż tal-aċċessi fuq il-post, taż-żewġ istanzi, nofs minn kull parti; u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

Rat is-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti tal-20 ta' Diċembru 1946, li biha ġiet respinta t-talba tal-konvenut għar-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u konsegwentement għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-istadju tal-appell; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951, li bih, wara li kkunsidrat li huwa spedjenti li t-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija tiġi trattata u deċiża mill-Ewwel Qorti, biex il-kontendenti jkollhom ukoll il-benefiċċju tad-doppju eżami, u wara li rrevokat, għal dak li kien hemm bżonn, "contrario imperio", l-ordni għat-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni quddiemha, din il-Qorti ordnat illi l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni u tal-kwistjonijiet kollaterali sollevati bir-rikors preżentat mill-konvenut fis-16 ta' Jannar 1951; b'riżerva tal-ispejjeż;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, li biha ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni rinvijata lilha minn din il-Qorti bl-imsemmi digriet tas-7 ta' Mejju 1951; bl-ispejjeż mingħajr taxxa, imma bid-dritt tar-Reġistru kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut jissottometti li din il-Qorti ma għandniex aktar ġurisdizzjoni biex tippronunzja ruħha fuq din il-kawża, u kwindi lanqas fuq l-eċċezzjoni ġa msemmija; għaliex, ladarba l-Qorti tkun iddeċidiet fuq id-domandi kollha avanzati biċ-ċitazzjoni, kif għamlet dil-Qorti f'dil-kawża bis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru 1945, il-kawża tkun ħarġet mill-ġurisdizzjoni tagħha. L-attriċi minn naħa tagħha tissottometti illi din il-Qorti b'dik is-sentenza ma qatgħetx dik l-eċċezzjoni, u kwindi l-istess eċċezzjoni għad trid tiġi deċiża minnha;

Illi b'din il-kawża l-attriċi talbet illi jiġi dikjarat u deċiż li hija eżerċitat validament l-irkupru tal-kwota tal-

fond imsemmija fiċ-ċitazzjoni bit-titolu tal-konsorzju u tal-viċinanza, u bi kwalunkwe titolu ieħor validu fil-liġi; u l-konvenut eċċepixxa illi t-titolu tal-viċinanza pretiż mill-attriċi hu ineżistenti, u t-titolu tal-konsorzju pretiż minnha, jekk jeżisti, mhuwiex biżżejjed biex jipprivah mill-fond, għaliex huwa hu wkoll komproprjetarju tal-fond, u għandu d-dritt tar-ritenzjoni. Bis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru 1945 din il-Qorti, wara li kkunsidrat illi l-attriċi ma għandhiex id-dritt li tirkupra bit-titolu tal-viċinanza, u lanqas b'dak tal-konsorzju, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. Bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju 1946, il-Qorti tal-Appell, wara li kkunsidrat illi t-titolu tal-viċinanza jidher li hu bażat, u illi m'hemmx għalfejn tiġi eżaminata l-kwistjoni l-oħra tar-retratt minħabba t-titolu tal-konsorzju, iddikjarat u ddeċidiet illi l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha tar-retratt minħabba t-titolu tal-viċinanza, salva, in riferenza għat-tieni talba, l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut; u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni fuq din it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi, stabbiliti dawn il-fatti għall-aħjar tfissir tal-każ, ma jidherx illi, minħabba d-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Qorti tal-Appell, din il-kawża, għall-finijiet tat-trattazzjoni u tad-deċiżjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, ħarġet mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Il-kwistjoni li ġiet rinvijata għall-eżami ta' din il-Qorti mill-Qorti tal-Appell ma hijiex dik jekk l-attriċi għandhiex dritt tirkupra l-kwota tal-fond ġa msemmi bit-titolu ta' konsorzju; kieku kien hekk, is-sottomissjoni tal-konvenut kienet tkun korretta; għaliex, ladarba din il-Qorti ddeċidietha, dik il-kwistjoni *normalment ma tistgħax iżjed tieħu konjizzjoni* tagħha, billi b'dik id-deċiżjoni ħarġet mill-ġurisdizzjoni tagħha; id-deċiżjoni ta' kwistjoni f'kawża minn Qorti hi ta' ostakolu għall-istess Qorti li tgħaddi għal trattazzjoni ġdida ta' dik l-istess kwistjoni, ħlief barra xi rimedju legali, meta jkun il-każ, li b'dik id-deċiżjoni tkun ġiet kompletament eżawrita; imma dik miġjuba fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri jekk l-istess konvenut huwiex ukoll konsorti fil-fond irkuprat bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif huwa jasserixxi li għandu dan it-titolu, hi għal kollox ġdida, fis-sens illi din il-Qorti għad ma ddeċidiethiex,

*u lanqas biss ħadet konjizzjoni tagħha*; *u anki l-istess* konvenut, fin-nota tiegħu tat-12 ta' Diċembru 1944 (fol. 47), u preċiżament fl-espost fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar ta' dik in-nota (fol. 48), insista biex din il-kwistjoni tiġi mħollija *għal wara d-deċiżjoni fuq l-ineżistenza* tal-konsorzju u viċinanza fl-attriċi, allura eċċepita minnu;

Din l-eċċezzjoni l-Qorti tal-Appell *ħallietha riżervata*, kif bir-raġun kellha tagħmel. Infatti, din hi l-ewwel kwistjoni li, biex jiġu evitati kemm jista' jkun spejjeż, għandha tiġi deċiża; jiġifieri jekk dik l-eċċezzjoni tal-konvenut tirriżulta fondata, u l-attriċi m'għandhiex dritt ta' rkupru bittitolu tal-konsorzju, bid-dritt kollu tagħha ta' rkupru bittitolu tal-viċinanza biss il-konvenut ma jkunx jista' jiġi privat mill-fond bħala komproprjetarju tiegħu. U minħabba l-importanza tagħha, il-Qorti tal-Appell ġustament dehrilha illi hu spedjenti li din l-istess kwistjoni tiġi trattata u deċiża minn din il-Qorti, biex il-kontendenti jkollhom il-benefiċċju tad-doppju eżami. B'dik l-eċċezzjoni l-konvenut qajjem fil-kawża kwistjoni ġdida, li in riferenza għaliha huwa sar attur fl-istess kawża — "reus excipiendo fit actor"; u din il-kwistjoni għadha ma ġietx deċiża minn din il-Qorti, u għalhekk il-kawża, għall-finijiet tal-istess kwistjoni, għadha ma ħarġetx mill-ġurisdizzjoni tagħha;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' April 1954, *li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità* tas-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, opposta mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' *Diċembru 1954*, li biha ġie respint l-appell u konfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' April 1954; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 1955, li bih ġiet respinta t-talba tal-konvenut għar-revoka "contrario imperio" tad-digriet mogħti minnha fis-7 ta' *Mejju 1951 u biex* jiġi ordnat ir-rijappuntament tal-kawża għat-trattazzjoni u deċiżjoni;

Rat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1956, li biha ġiet ordnata s-soprassessjoni f'din il-kawża u ġie mogħti lill-konvenut xahar żmien biex fih, jekk jidhirlu, jiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għall-impunjazzjoni tal-kuntratt tad-diviżjoni fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897, u l-kawża ġiet differita "sine die", rijappuntabbli b'rikors tal-interessati, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li tiġi proposta; l-ispejjeż jew riżervati;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956, li biha d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Marzu 1956 ġie konfermat, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, b'dan li t-terminu ta' xahar b'dak id-digriet impost kellu jibda jgħaddi minn dak inhar tas-sentenza;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 1957, li biha ġiet respinta t-talba tal-konvenut għar-revoka tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju 1956, u għalhekk għar-ritrattazzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut;

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti tal-ewwel ta' Frar 1957, li bih, fuq talba tal-attriċi magħmula b'rikors tal-istess data, il-kawża ġiet rijappuntata.

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 1957, li bhia, prevju r-riġett tat-talba tal-konvenut għall-isfilz tad-dokument fil-fol. 133 tal-proċess, irrespinġiet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut; bl-ispejjez kontra tiegħu, kompriżi dawk riżervati bid-digriet tat-13 ta' Marzu 1956; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħdha titlob, fost ħwejjeġ oħra, li jiġi dikjarat illi hija eżerċitat validament l-irkupru bit-titolu tal-konsorzju, ta' viċinanza, u ta' kwalunkwe titolu ieħor validu skond il-liġi, tal-kwota ta' erbgħa undiċeżimi (4/11) tad-dar iż-Żejtun, Trieq Sant'Anġelo numru 71, biċ-ċedola numru 125 tat-30 ta' Jannar 1942. Il-konvenut eċċepixxa li t-titolu tal-viċinanza pretiż mill-attriċi hu ineżistenti, u li,

kwantu għall-konsorzju, dan, jekk jirriżulta, mhux biżżejjed biex jipprivah mill-fond, għaliex huwa, bħala komproprjetarju tad-dar, għandu dritt tar-ritenzjoni;

Illi b'sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ġie dikjarat u deċiż illi l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha tar-retratt minħabba t-titolu tal-viċinanza, salva, in riferenza għat-tieni talba, l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut li huwa hu anki konsorti fid-dar bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jasserixxi li għandu dan ittitolu. L-istess Onorabbli Qorti, b'digriet tas-7 ta' Mejju 1951, billi rriteniet spedjenti li l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri li huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, tiġi trattata u deċiża minn din il-Qorti biex il-kontendenti jkollhom ukoll il-benefiċċju taddoppju eżami, ordnat illi l-proċess jiġi rinvijat lil dina l-Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni u tal-kwistjonijiet kollaterali sollevati bir-rikors preżentat mill-konvenut fis-16 ta' Jannar 1951, u rriżervat il-kap tal-ispejjeż. Kwindi, uniformement għall-imsemmi digriet, din il-Qorti tgħaddi biex tiddefinixxi l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut u l-kwistjonijiet kollaterali minnu sollevati bir-rikors ġa' msemmi;

Illi, kif ingħad, il-konvenut jallega li huwa hu anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, billi, kif jissottometti fid-dikjarazzjoni mal-eċċezzjonijiet tiegħu, barra l-eredi kostitwiti fil-kwota ta' 4/11 tad-dar irkuprata, l-eredi l-oħra ma aċċettawx l-eredità, u għalhekk huwa, bħala konsangwineu tat-testatriċi, l-imsemmija Maria Teresa Caruana, seta' jaċċetta dik l-eredità, kif fil-fatt għamel b'nota preżentata minnu fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 1942. Din l-allegazzjoni tal-konvenut ġiet attakkata mill-attriċi, li eżibiet id-dokument fil-fol. 133 tal-proċess, ċjoè il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897, li minnu jidher illi fil-fatt l-eredità ta' Maria Teresa Caruana ġiet aċċettata u diviża mill-eredi testamentarji tagħha. Il-konvenut, tant fin-nota tal-osservazzjonijiet annessa mar-rikors tiegħu tat-2 ta' Mejju 1951, kif ukoll ripetutament fid-dibattitu orali, ikkontesta l-effikaċja ta' dak il-

kuntratt, u kkwalifika d-diviżjoni li saret fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino fil-25 ta' Awissu 1897 bħala preżunta u finta; u anzi sostna illi dik id-diviżjoni qatt ma eżistiet. In vista ta' din il-kontestazzjoni tal-effikaċja tal-istess kuntratt da parti tal-konvenut, din il-Qorti, bid-digriet tat-13 ta' Marzu 1956, ordnat is-soprassessjoni f'din il-kawża, u tat lill-istess konvenut xahar żmien biex fih, jekk kien jidhirlu, jiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għall-impunjazzjoni tal-imsemmi kuntratt, u ddifferiet il-kawża "sine die", rijappunatabbli b'rikors tal-interessati, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li l-konvenut seta' jipproponi. Il-konvenut appella minn dak id-digriet; imma l-Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-25 ta' Ġunju 1956, irrespinġiet dak l-appell u kkonfermat l-imsemmi digriet ta' din il-Qorti; b'dan, però, li t-terminu ta' xahar b'dak id-digriet impost jibda jgħaddi mill-25 ta' Ġunju 1956. Dan it-terminu skada inutilment, għaliex il-konvenut ma ddeduċiex quddiem il-Qorti kompetenti ebda azzjoni biex jimpunja l-kuntratt tad-diviżjoni skond kif kellu jagħmel fit-termini tal-imsemmi digriet. Minn dan isegwi li l-konvenut ma baqgħax jikkontesta l-effikaċja ta' dak il-kuntratt. U ladarba minn dak il-kuntratt jirriżulta li l-eredità ta' Maria Teresa Caruana ġiet aċċettata u diviża mill-eredi testamentarji tagħha, l-eċċezzjoni ġa' msemmija tal-konvenut hi destitwita minn kull fondament, u kwindi għandha tiġi riġettata;

Illi, biex tirribatti l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut, l-attriċi, kif ġa ngħad, ipproduċiet kopja legali tal-kuntratt fuq imsemmi fil-15 ta' Jannar 1951, jiġifieri meta l-kawża kienet fi grad ta' appell; u l-konvenut, b'rikors tas-16 ta' Jannar 1951, oppona ruħu għal dik il-produzzjoni, kwalifikata minnu bħala serotina, u talab li dak id-dokument jiġi sfilzat. Fiż-17 ta' Jannar 1951 il-Qorti tal-Appell iddekretat li dak ir-rikors ikun provvdut fl-udjenza; però in segwitu, bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951, ordnat ir-rinviju tal-proċess lil dina l-Qorti biex jiġu trattati u deċiżi tant l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut, kif ukoll il-kwistjonijiet kollaterali sollevati mill-konvenut bl-imsemmi rikors tas-16 ta' Jannar 1961, u ġew anki riżervati l-ispejjeż relativi;

Illi r-raġunijiet addotti mill-konvenut kontra l-produzzjoni tal-imsemmi dokument, u konsegwentement għall-isfilz tiegħu, huma, fost oħrajn, li dak l-att ġie nsinwat, u għalhekk hemm il-preżunzjoni "juris et de jure" li l-attriċi kienet a konjizzjoni tiegħu; li skond il-ġurisprudenza kostanti, lokali u estera, fi grad ta' appell ma jistgħux jiġu prodotti provi ġodda ħlief fil-każ li tkun impossibbli bil-mezzi li trid il-liġi l-produzzjoni tagħhom fl-ewwel istanza; li l-produzzjoni ta' dokumenti fi grad ta' appell, meta l-istess ma jkunux ġew prodotti fl-ewwel istanza, tiġi permessa biss meta n-neċessità ta' dik il-produzzjoni tinqala' fit-tieni istanza, mentri fil-każ taħt konsiderazzjoni din in-neċessità ma setgħetx inqalgħet fit-tieni istanza, għaliex huwa mill-bidu nett tal-kawża kien ta l-eċċezzjoni li kien komproprjetarju tad-dar irkuprata, u fid-dikjarazzjoni annessa mal-eċċezzjonijiet tiegħu spjega li dik il-kwalità ta' komproprjetarju kienet tidderiva lilu bħala eredi intestat ta' Maria Teresa Caruana, u għalhekk l-attriċi kienet fid-dmir li teżibixxi mill-bidu tal-kawża, u malli ġiet sollevata dik l-eċċezzjoni, dak id-dokument;

Illi qabel xejn jiġi rilevat li minn ħafna żmien ilu, u almenu sa minn meta l-kawża kienet pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, il-konvenut fid-dibattitu orali qatt ma irreitera t-talba tiegħu, avanzata fir-rikors tiegħu tas-16 ta' Jannar 1951, quddiem il-Qorti tal-Appell, għall-isfilz tal-imsemmi dokument; għall-kuntrarju, huwa dejjem, meta kien il-każ, oppona l-effikaċja ta' dak id-dokument, billi dejjem ikkwalifikah bħala preżunt, fint u ineżistenti; u kwindi kien jidher li huwa ma kienx għadu jinsisti għall-isfilz tal-istess dokument, għaliex bil-produzzjoni kollha tiegħu, jekk il-konvenut kellu jirnexxi fil-prova tiegħu li dak id-dokument kien null, l-istess ma setgħax jarrekalu ebda preġudizzju, u kienet tkun inutili kull prova li l-attriċi riedet tagħmel bih. Issa, però, li l-konvenut ma wasalx, u lanqas biss ittanta, biex jipprova li dak il-kuntratt ta' diviżjoni hu ineffikaċi skond kif kien asserixxa, hu l-każ li tittieħed konsiderazzjoni tat-talba tal-konvenut kontenuta fl-imsemmi rikors tiegħu, speċjalment ukoll in vista tal-provvediment ġa msemmi mogħti mill-Qorti tal-Appell fiż-17 ta' Jannar 1951;

Illi r-riljevi sottomessi mill-konvenut, fuq imsemmijin, għalkemm fil-kumpless tagħhom huma fit-termini tal-liġi, tal-ġurisprudenza u tad-dottrina, ma japplikawx għall-każ taħt konsiderazzjoni, fis-sens li l-attriċi ma għamlet xejn ħażin meta pproduċiet dak id-dokument meta l-kawża kienet fi grad ta' appell, u dak id-dokument ġie mill-attriċi prodott fil-mument opportun, b'mod li dik il-produzzjoni ma kellhiex tiġi vjetata, u d-dokument ma għandux jiġi sfilzat. Infatti, il-konvenut, fin-nota tiegħu tat-12 ta' Diċembru 1944, "insista" biex il-kwistjoni tal-konsorzju tiegħu fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, formanti meritu tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, tiġi mgħollija "għal wara d-deċiżjoni" fuq l-ineżistenza ta' konsorzju u viċinanza fl-attriċi, eċċepita fl-ewwel lok minnu. Għalhekk l-attriċi, apparti raġunijiet oħra li ma jidherx li hemm lok li jiġu msemmija, anki biss minħabba dik l-"insistenza" tal-konvenut, ma kellhiex għalfejn tipproduċi dak id-dokument, u talvolta provi oħra, biex tirribatti dik l-eċċezzjoni tal-konvenut qabel id-deċiżjoni dwar l-eżistenza o meno fl-attriċi tat-titolu ta' konsorzju u viċinanza; u dan hu evidenti, għaliex l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut ma kienx ikun hemm lokha kieku l-attriċi baqgħet sokkombenti fit-teżi tagħha li l-irkupru minnha eżerċitat kien validu;

Dan id-dritt ta' rkupru bit-titolu ta' viċinanza ġie rikonoxxut fl-attriċi mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946, li biha l-imsemmija Onorabbli Qorti rriżervat li tiġi diskussa u deċiża l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut. Lanqas in segwitu għal din is-sentenza ma kellha l-attriċi l-obligu li tipproduċi l-imsemmi dokument, u sakemm ma ġietx deċiża t-talba tal-konvenut għar-revoka ta' dik is-sentenza u għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-istadju tal-Appell tal-20 ta' Diċembru 1946, u l-kawża ġiet differita għas-27 ta' Jannar 1967, għall-kontinwazzjoni quddiem l-istess Qorti, jiġifieri biex tiġi trattata dik l-eċċezzjoni tal-konvenut. Kien għalhekk biss f'din l-aħħar data, u mhux qabel, li l-attriċi kellha l-obligu tipproduċi l-ewwel darba dak id-dokument biex tirribatti dik l-eċċezzjoni tal-konvenut. Imma tant fis-seduta tas-27 ta' Jannar 1947, kemm f'dawk tal-21 ta' Frar, 3 ta' Marzu, 24 ta' Marzu, 21 ta'

April, u 12 ta' Mejju, 1947, ma sar xejn, ġeneralment minħabba indispożizzjoni tad-difensuri tal-partijiet; u fil-21 ta' Mejju 1947 il-kawża ġiet differita "sine die", rijappuntabbli fuq talba verbali ta' waħda mill-partijiet. Il-kawża ġiet mbagħad rijappuntata, fuq talba tal-attriċi, mill-istess Qorti tal-Appell, li kienet sejra tieħu konjizzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni, u preċiżament fl-ewwel dehra għat-trattazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni, jiġifieri fil-15 ta' Jannar 1951, l-attriċi pproduċiet l-imsemmi dokument. Għalhekk il-produzzjoni tal-istess dokument da parti tal-attriċi ma kienetx serotina, u saret fi grad ta' appell għaliex, sa meta ngħata d-digriet tas-7 ta' Mejju 1951 mill-Qorti tal-Appell, u l-proċess ġie rinvijat lil din il-Qorti għar-raġunijiet indikati f'dak id-digriet, l-imsemmija Onorabbli Qorti kienet sejra tiddeċidi tant dik l-eċċezzjoni kemm il-kwistjonijiet kollaterali sollevati mill-konvenut bir-rikors tiegħu ġa msemmi;

Rat in-nota tal-konvenut, li biha nterpona appell tant mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953 kemm mis-sentenza tal-istess Qorti tat-30 ta' Ottubru 1957, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li tiġi revokata kwantu għall-meritu dik is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, billi jiġi dikjarat illi dik il-Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni msemmija fis-sentenza, u tiġi riformata in kwantu għall-kap tal-ispejjeż, billi jiġi deċiż illi l-ispejjeż kollha teħelhom l-attriċi; u tiġi revokata wkoll is-sentenza tat-30 ta' Ottubru 1957, billi tiġi milqugħa t-talba tal-konvenut magħmula bir-rikors tiegħu preżentat quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1951, għall-isfilz tad-dokument fol. 133, u jiġi dikjarat li l-Ewwel Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-esponent li huwa ta fil-fol. 14 tal-proċess, fis-sens li huwa komproprjetarju fid-dar bħala eredi ntestat ta' Maria Teresa Caruana, u hekk għandu d-dritt tar-ritenzjoni, u jiġi ordnat li dawn iż-żewġ kwistjonijiet jiġu trattati quddiem din il-Qorti, u jiġu trattati hekk fi grad ta' istanza li skond il-liġi jirrigwardahom rispettivament; bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif ġa ntqal, l-attriċi, fir-risposta tagħha, issottomettiet illi, kwantu għall-appell mis-tentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru, 1953, il-kwistjoni ġiet definitivament deċiża bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956, illi kkonfermat li l-Qorti tal-Prim Istanza kellha ġurisdizzjoni u ċaħdet l-aggravju relativ tal-appellant (fol. 261). Fit-trattazzjoni orali, l-attriċi żiedet illi anki fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 1957 (fol. 277) din il-Qorti wkoll reġgħet ippronunzjat ruħha fuq dik il-kwistjoni. Għalhekk, fil-fehma tal-attriċi, din l-istess kwistjoni ma tistgħax issa terġa tiġi diskussa u deċiża fuq dan l-appell;

Biex tiġi deċiża din l-eċċezzjoni sollevata mill-attriċi, jeħtieġ tiġi preċiżata bir-reqqa l-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell tal-konvenut, in kwantu jirrigwarda s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953; għaliex, biex jista' jkun hemm l-ostakolu tal-ġudikat, jew aħjar, peress li fil-każ si tratta ta' ġudizzju wieħed li għadu sejjer, preklużjoni tad-diskussjoni u deċiżjoni tal-kwistjoni, jeħtieġ essenzjalment illi din il-kwistjoni fiż-żewġ każi hi "l-istess" (cfr. Chiovenda, Ist. di Diritto Proc. Civ., Vol. I, ed. 1956, p. 326, §118);

Naraw, mela, x'inhi l-vera kwistjoni li l-konvenut qiegħed jqajjem b'dan l-appell;

Fis-7 ta' Mejju 1951, din il-Qorti, billi dehrilha li kien spedjenti li l-eċċezzjoni li kienet ġiet mogħtija mill-konvenut fis-sens li huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana, kif jasserixxi huwa, tiġi trattata u deċiża mill-Ewwel Qorti, biex il-kontendenti jkollhom ukoll il-benefiċċju tad-doppju eżami, ordnat li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni u tal-kwistjonijiet kollaterali sollevati mill-istess konvenut bir-rikors tiegħu tas-16 ta' Jannar ta' dik is-sena. Meta l-proċess, hekk rinvijat, reġa' mar quddiem l-Ewwel Qorti, il-konvenut eċċepixxa illi, peress li dik il-Qorti kienet eżawriet il-ġurisdizzjoni tagħha fil-kawża meta ddeċidiet il-meritu bis-sentenza

tagħha tal-15 ta' Novembru 1951, li biha kienet ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, din il-Qorti ma setgħetx terġa tirrinvija l-kawża lilha, għax dan ma kienx wieħed mill-każijiet tassativament stabbiliti fl-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 E.R.), fejn il-Qorti tal-Appell tista' tirrinvija l-kawża għall-ulterjuri trattazzjoni lill-Qorti tal-Ewwel Grad; għalhekk, eċċepixxa l-konvenut, l-Ewwel Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tippronunzja ruħha fuq ebda kwistjoni nvoluta fil-kawża, non ostanti d-digriet ta' rinviju ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 1953, li minnha issa hemm dan l-appell, billi dik il-Qorti rriteniet illi kellha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni lilha rinvijata minn din il-Qorti;

Issa, b'dan l-appell minn din is-sentenza, il-konvenut qiegħed jitlob li hi tiġi revokata fil-meritu, u jiġi deċiż li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni affermata minnha, u l-motivi ta' aggravju miġjubin fil-petizzjoni mhumiex ħlief elaborazzjoni tal-eċċezzjoni fl-istess sens li hu kien eleva quddiem l-Ewwel Qorti kif ġa' ntqal;

Minn dan jidher illi l-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell, u li issa tinsab quddiem din il-Qorti, hija appuntu din: "jekk, ċjoè, bis-saħħa tar-rinviju magħmul minn din il-Qorti, l-Ewwel Qorti akkwistatx ġurisdizzjoni li tittratta u tiddeċidi l-kwistjonijiet hekk lilha rimessi;

*Kuntrarjament* għal dak li ssottomettiet l-attriċi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-kwistjoni ġiet ġa' definitivament deċiża bis-sentenza li għalihom l-attriċi għamlet riferenza;

Huwa veru illi l-konvenut, tant fil-proċeduri relativi għas-sentenzi rilevati mill-attriċi, kemm fi proċeduri oħra, qanqal l-istess identika kwistjoni. Imma dan ma jfisserx illi fuq dik il-kwistjoni kien hemm pronunċjat definitiv tal-Qorti. Infatti, kwantu għall-konvenut, hu qajjem identikament l-istess kwistjoni meta, b'nota, impunja l-validità tas-sentenza in kwistjoni tas-6 ta' Ottubru 1953. Mis-sentenza

kuntrarja għall-konvenut, minħabba irritwalità tal-proċedura adottata minnu, mogħtija fis-27 ta' April 1954, il-konvenut appella lil din il-Qorti, u l-aggravji tal-appell kienu preċiżament jissollevaw l-istess kwistjoni (fol. 216). iżda din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 1954 (fol. 224), "ma għamlet ebda pronunċja fuqha, la direttament u lanqas indirettament". L-appell tal-konvenut ġie miċħud għaliex din il-Qorti rriteniet illi hu ma setgħax, kif kien għamel, jattakka b'nullità s-sentenza tal-Ewwel Qorti b'nota preżentata quddiem l-istess Qorti. Għalhekk, "apparti", kif qalet din il-Qorti, "konsiderazzjonijiet oħra li ma hemmx għalfejn jiġu rilevati, l-Ewwel Qorti kienet għamlet sewwa li rrespinġiet l-eċċezzjoni ta' nullità opposta mill-konvenut";

Il-konvenut reġa qanqal l-istess kwistjoni nvoluta f'dan l-appell meta mpunja d-digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1956. Fir-rikors tiegħu tal-appell lil din il-Qorti minn dak id-digriet, il-konvenut issottometta fost l-aggravji illi, "għalkemm l-Ewwel Qorti bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 1953 kienet affermat li għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni lilha rinvijata minn din il-Qorti bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951, l-unika investigazzjoni li setgħet tagħmel, mingħajr ma tiġi offiża l-liġi, kienet dik jekk l-eċċezzjoni setgħetx tiġi trattata u deċiża in prima istanza una volta li l-kawża kienet ġa ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti bis-sentenza tal-15 ta' Novembru 1954" (v. fol. 241). Ma hemmx dubju illi f'dan il-motiv tal-appell il-konvenut kien qiegħed jattakka indirettament il-validità tad-digriet ta' din il-Qorti, bosta drabi ġa msemmi, tas-7 ta' Mejju 1951, u l-konsegwenti nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti, bis-saħħa tiegħu, li, b'mod ġenerali, tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet kollha deferiti lilha;

Issa, huwa veru illi din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju 1956, li fuqha prinċipalment l-attriċi tibbaża l-eċċezzjoni tagħha tal-ġudikat, irriġettat dak l-aggravju tal-konvenut bħala "destitwit minn kull fondament", u kkwalifikat bħala "arbitrarja" il-limitazzjoni li l-konvenut, allura wkoll appellant, kien qiegħed jippretendi li biha kienet ċirkoskritritta l-ġurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti dwar

l-eċċezzjoni lilha deferita bid-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951 (fol. 265). Iżda din il-pronunċja ta' din il-Qorti, rettament interpretata, ma turix ħaġ'oħra ħlief illi din il-Qorti kienet qegħedha f'dak il-kontest tinterpreta l-portata tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, li dwarha issa hu l-appell, iżda li sa dak inhar kienet għada la ġiet appellata u lanqas b'mod ieħor validament impunjata. Imma din il-Qorti ma kienetx, f'dak l-istadju, qegħedha tagħmel pronunċja, jew tagħti deċiżjoni tagħha stess, fuq il-kwistjoni fondamentali sollevata mill-konvenut. Dan jidher ċar minn dak li jsegwi fl-istess sentenza. Infatti, oltre dak li l-konvenut kien issottometta bħala aggravji fir-rikors tal-appell, fejn "indirettament" biss kien qiegħed jintavola l-kwistjoni essenzjali issa nvoluta f'dan l-appell, il-konvenut "formalment" issolleva din il-kwistjoni fin-nota twila ta' osservazzjonijiet preżentata fit-30 ta' Mejju 1956 (fol. 251-259). Issa, fis-sentenza ta' din il-Qorti f'dak l-appell, intqal preċiżament dan:— "Kwantu għas-sottomissjonijiet kontenuti fin-nota tal-appellant, (il-konvenut odjern), preżentata wara r-rikors tiegħu tat-30 ta' Mejju 1956, għandu jiġi rilevat illi huma ma jistgħux jiffurmaw meritu ta' dan l-appell. L-eċċezzjoni tad-difett ta' ġurisdizzjoni, opposta mill-konvenut appellant, ġiet respinta bis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, u minnha ma sarx appell; u fir-rikors tal-preżenti appell, l-appellant irriżerva skond il-liġi d-dritt tiegħu tal-appell minn dik is-sentenza" (fol. 268). Infatti (fol. 247) il-konvenut, fil-parti konklużjonali tar-rikors tiegħu tal-appell, kien qal preċiżament illi jirriżerva d-dritt tiegħu tal-appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953;

L-attriċi, però, kompliet tgħid illi din il-Qorti reġgħet ippronunzjat ruħha fuq il-kwistjoni issa sollevata bl-appell preżenti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 1957 (fol. 277), li biha ġiet respinta t-talba tal-konvenut għar-ritrattazzjoni tal-kawża, prevja r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956;

Rigward din it-talba tal-konvenut, huwa veru, għal darb'oħra, illi hu fil-petizzjoni tiegħu, bħala wieħed mill-

motivi tar-ritrattazzjoni mitluba minnu, ikkoinvolġa b'ċertu mod il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti, affermata minnha bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 1953 bis-saħħa tad-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951 (fol. 170-171). Iżda fis-sentenza ta' din il-Qorti fuq din il-petizzjoni ma hemm ebda definizzjoni ta' din il-kwistjoni; u infatti lanqas seta' jkun hemm. Kull ma qalet din il-Qorti b'dik is-sentenza, dwar dan il-motiv avanzat mill-konvenut, kien biss, kif kellu jkun, li kien "evidenti illi l-ewwel pretiż żball akkampat mill-appellant Dottor Caruana kien punt kontestat li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni mpunjata, u għalhekk fir-rigward tiegħu mhix ammessa r-ritrattazzjoni". F'din is-sentenza din il-Qorti ma għamletx ħaġ'oħra — kif appuntu kien jirrikjedi l-każ — ħlief interpretat u ġġustifikat skond il-liġi, relativament għall-motivi ta' ritrattazzjoni allegati mill-konvenut, is-sentenza appellata; u ġaladarba f'din is-sentenza ma kienx hemm, kif intwera aktar il-fuq, ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, li anzi ġiet dikjarata ma tiffurmax meritu ta' dik il-proċedura, ebda deċiżjoni simili ma hemm jew seta' kien hemm fis-sentenza fuq it-talba għar-ritrattazzjoni;

Il-konklużjoni ta' dan kollu hi illi l-kwistjoni sollevata bl-appell preżenti ma hix preklużа b'ebda deċiżjoni definitiva ġà mogħtija f'dan il-ġudizzju. Jekk il-konvenut kien għadu fiż-żmien u kien għad għandu d-dritt jappella missentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1963, l-appell tiegħu mhux perent bis-saħħa tal-ġudikat;

Intqal tajjeb illi "l'eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto più quando trattasi di escludere un diritto" (Coen, Cosa Giudicata (materia civile), no. 145). F'każ bħal preżenti, fejn si tratta ta' inċident proċesswali fil-kors tal-ġudizzju, u fejn, kif jgħid il-Chiovenda, ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ il-ġudikat impliċitu (cp. ċit. no. 118), jeħtieġ għall-eċċezzjoni tal-ġudikat illi l-kwistjoni tkun ġiet "effettivament" deċiża bis-sentenza ta' qabel, u hux biss li "setgħet tiġi deċiża". Ġà ntqal illi f'deċiżjoni simili ma hemmx "la vera decisione". Jgħid il-Mattirolo:— "Sta soltanto nel dispo-

sitivo; onde è *principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente* nella parte dispositiva della sentenza, non nei motivi" (Diritto Giudiziario Civile, Vol. V, § 28); u d-dispożitiv tas-sentenzi preċedenti, li għalihom saret riferenza, meta wieħed jieħu każ, kif għandu, tal-oġġett u tal-"causa" tal-inċidenti proċesswali relativi, ma fih ebda deċiżjoni fuq il-kwistjoni nvoluta;

Huwa veru illi, kif ġie deċiż bosta drabi mill-Qrati Tagħna u mid-dottrina, fuq sistemi analogi, "i motivi, per l'intima ed indissolubile connessione che presentano col dispositivo, varranno a determinare la vera portata del punto deciso; così che l'autorità della cosa giudicata starà pur sempre esclusivamente nel dispositivo, ma l'esatto, il giusto significato di questo, la sua legittima estensione, riusciranno determinati e spiegati dai motivi" (op, ċit., loc., ċit., §29; P.A. "Tabone vs. Mifsud" 15 ta' Frar 1954, Kollez. Vol. XXXVIII-I-51); anzi xi drabi jiġri illi d-deċiżjoni mhix interament fil-parti dispożitiva tas-sentenza, iżda anki fil-parti razzjonali tagħha, meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżoluta xi vera kwistjoni, b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja tad-dispożitiv, u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mad-dispożitiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat;

Iżda, kif ġà ntqal fuq, dan ma japplikax fil-każ preżenti; mhux biss għaliex fis-sentenzi li għalihom saret riferenza, la fil-motivazzjoni, la fid-dispożitiv, u lanqas fittnejn kombinati flimkien, ma ġiet verament "deċiża" l-identika kwistjoni issa sollevata bl-appell, iżda talli, għall-kuntrarju, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956, l-unika waħda verament rilevanti, il-vera kwistjoni preżenti ġiet espressament riżervata;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tal-attriċi illi l-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell, in kwantu riferibbli għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, ġa ġiet definitivament deċiża bis-sentenza preċedenti ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1956 u tat-28 ta' Jannar 1957, a spejjeż tal-attriċi; u tordna li titkompla t-trattazzjoni tal-kawża.